# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 24 ta' Gunju 2019

**Rikors Numru : 268/2018 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**MM**

**vs**

**CF**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' MM, datat 15 ta' Ottubru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu nhar l-erbatax ta' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (14.08.2015) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg kontendenti ma kellhom ebda ulied;*

3. *Illi l-partijiet qatt ma ghexu ta' mizzewgin tant illi qatt ma ghexu taht l-istess saqaf izda baqghu jghixu ghand il-genituri rispettivi taghhom u kkonducew l-bqija tal-hajja "mizzewga" taghhom b'mod ghal kollox separati billi ma kienux lesti jghixu hajja mizzewga ma' xulxin;*

4. *Illi l-kontendenti kienu dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr ebda preparazzjoni serja ta' xejn izda sforz ta' kundizzjonijiet estranei. Iz-zwieg tal-kontendenti ma giex celebrat bir-rit ekklesjastiku;*

5. *Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizjat inter alia b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonja lil jew fuq id-drittijiet jew d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;*

6. *Illi inoltre l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali jew ohrajn tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana ai termini tal-artikolu 19(1)(f) Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *Illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara li z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fl-erbatax ta' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (14.08.2015) huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' CF, datata 5 ta' Dicembru 2018, a fol 10, fejn bil-gurament ikkonferma:

*Illi l-esponenti qieghed jammetti t-talbiet attrici kif dedotti.*

*Bl-ispejjez kontra taghha.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimat tad-9 ta' Mejju 2019;

**Ikkonsidrat;**

**Ir-rikorrenti,** a fol 14 *et seqq.*, xehdet illi hija z-zghira fil-familja taghha u kienet *over-protected* hafna mill-genituri taghha. Spjegat illi meta kienet bdiet l-Universita kienet prattikament skopriet dinja gdida, differenti hafna mid-dinja zghira u maghluqa li kienet esperjenzat sa dak iz-zmien. Kompliet li kien f'dan iz-zmien li kienet iltaqghat mal-intimat, li hu hames snin akbar minnha. Spjegat ili bejniet il-partijiet kien hemm distakk kbir: filwaqt li kienet ghad diehla l-Universita ta' tmintax -il sena, l-intimat kien diga jahdem bhala pulizija u kien qieghed l-Universita bhala *mature student.* Kompliet li l-intimat kien beda jinsisti li jibdew relazzjoni, u hija kienet accettat ghaliex fih sabet missier iehor. Qalet illi hija kienet dejjem issegwi lill-intimat, li kien popolari hafna mal-istudenti l-ohra, tant illi c-cajta fil-grupp kienet li hija kienet il-geru tieghu. Ziedet illi l-partijiet kienu damu johorgu flimkien ghal xi sentejn jew tlieta, u li f'dan iz-zmien huma qatt ma kellhom relazzjoni sesswali. Qalet illi eventwalment pero hija kienet temmet ir-relazzjoni taghhom ghaliex kienet hassitha maqfula f'relazzjoni li ma kienet qed tiehu xejn minnha hlief is-sapport ta' missier, u dan wara li kienet dahlet f'organizazzjoni studenteska u skopriet dinja ohra hafna differenti minn dik li kienet ghexet fiha sa dak iz-zmien

Xehdet illi lejn l-ahhar tas-sena 2013 kienet bdiet tohrog ma' persuna ohra, u fi Frar tas-sena 2014 kienet inqabdet tqila, meta kienet qeghda fl-ahhar sena tal-kors tal-Universita li kienet qed isegwi. Spjegat illi kienet kompliet bl-istudji taghha, u bintha kienet twieldet fit-12 ta' Novembru 2014, u ftit wara kienet intemmet ir-relazzjoni ta' bejna u bejn missier it-tarbija. Kompliet li ghal habta ta' Marzu jew April tas-sena 2015, missier it-tarbija beda jaqla' hafna disgwidi u kien sahansitra beda jipprezenta rikorsi quddiem il-Qorti fejn kien qieghed jallega li minhabba li kienet *single mother* ma kienetx ser tkun kapaci trabbi lit-tifla. Qalet li f'dan iz-zmien l-intimat kien rega tfacca f'hajjitha u kienet sabet komfort kbir fih. Ziedet illi l-intimat kien issugerixxa li jizzewgu, sabiex b'hekk missier it-tarbija ma jkunx jista' jkompli jattakaha fuq il-fatt li hija kienet *single mother,* u filfatt hekk kienu ghamlu. Qalet illi ma kienu qalu li hadd minn hbiebhom fuq iz-zwieg taghhom, ma kienetx hadet il-kunjom tieghu peress li ma kellha l-ebda intenzjoni li dan ikun zwieg permanenti. Di  piu kienu ghamlu wkoll is-separazzjoni tal-beni biex hajjithom dejjem tibqa' kondotta b'mod separat. Spjegat illi wara xi zmien, kienet waslet f'kompromess ma' missier it-tarbija li accetta li tibqa' tkun hi li t-trabba lit-tifla, filwaqt li hu jkollu access regolat.

Qalet li f'dan il-punt għalhekk, il-partijiet ma kellhomx skop sabiex ikomplu biz-zwieg tagħhom, u ziedet li ghalkemm illum il-gurnata ghadhom hbieb u xi drabi jaghmlu xi xoghol flimkien, huma jghixu hajja kompletament separata u qatt ma kien hemm dawk l-emozzjonijiet li huma assocjati ma' relazzjoni romantika.

Xehdet li l-partijiet qatt ma ghexu flimkien, u li filfatt wara li ffirmaw id-dokumentazzjoni necessarja ghaz-zwieg, kienu marru lura joqghodu fid-dar tal-genituri rispettivi taghhom. Qalet li d-decizjoni li tiehu l-annullament kienet ilha li haditha, pero ma kienetx pprezentat il-proceduri qabel minhabba problemi gravi ta' sahha. Xehdet li ghaliha dan iz-zwieg kien biss mod kif tipprova tissalvagwardja lil bintha, u ghaliha l-intimat qatt ma kien aktar milli habib, u kien ghalhekk illi hija qatt ma qalet lil hadd hlief lil genituri taghha b'dan iz-zwieg.

**RM,** omm ir-rikorrenti, xehdet a fol 37 *et seqq* illi l-partijiet kienu ltaqu l-universita, u li l-intimat huwa xi sitt snin ikbar mir-rikorrenti. Qalet illi l-intimat kien l-ewwel *boyfriend* tar-rikorrenti u kienu damu xi tlett snin flimkien. Xehdet li mbaghad bintha kellha relazzjoni ma' missier it-tarbija taghha, u t-tarbija kienet twieldet fl-14 ta' Novembru 2014. Spjegat illi meta r-relazzjoni ta' bejn ir-rikorrenti u missier it-tarbija kien intemmet beda jinqala' l-inkwiet, ghaliex huwa kien qieghed jiggieled ghal-kustodja tat-tarbija. Kompliet illi dak iz-zmien ir-rikorrenti kienet bdiet kors ta' Masters fl-Universita ta' Malta u kienet regghat bdiet tiltaqa' mal-intimat. Ziedet illi ghalhekk ir-rikorrenti kienet iddecidiet li tizzewweg lill-intimat sabiex tipprotegi lil bintha. Hija sostniet li bintha kienet qaltilha li kienet qed tizzewweg kontra qalba. T-tieg kien sar ta' malajr fl-14 t'Awissu. Qalet illi dakinhar stess li zzewgu, r-rikorrenti kienet marret lura toqghod maghhom, filwaqt li l-intimat baqa' joqghod mal-genituri tieghu.

**RNM** xehed a fol 47 *et seqq* u kkonferma u kkorrobora x-xhieda moghtija minn martu RM.

**Ikkonsidrat;**

Din hija sentenza t'annullament a bazi tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, wara talba f'dan is-sens maghmula mir-rikorrenti u mhux opposta mill-intimat. Il-Qorti taghraf illi l-fatt li t-talba tar-rikorrenti ma gietx opposta mill-intimat, ma jfissirx illi din il-Qorti m'ghandhiex tezamina l-meritu tat-talbiet tar-rikorrenti sabiex tistabilixxi jekk jissussistux jew le il-kawzali t'annullament moghtija mir-rikorrenti, u dan peress illi fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat A B noe vs ED** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018:

***"Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid-dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…***

***In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…"***

Il-qofol ta' dan ir-ragunament jinsab ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987:

***"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament."***

Il-Qorti sejra ghalhekk tiddetermina jekk il-kawzali ta' nullita moghtija mir-rikorrenti gewx sodisfacentement pruvati minnha.

L-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi z-zwieg ikun null:

***"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."***

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat A B noe vs ED,** citata aktar il-fuq,:[1]

> **"*Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.*"**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu iltaqghu meta kienu studenti fl-istess kors tal-Universita. Dak iz-zmien, ir-rikorrenti kellha tmintax -il sena, filwaqt illi l-intimat kien xi hames snin ikbar minnha, u kien diga beda l-karriera tieghu fil-Korp tal-Pulizija. Il-partijiet kienu bdew relazzjoni romantika, li kienet damet ghal xi tlett snin. Ir-rikorrenti tirrakonta illi bejn il-partijiet kien hemm distakk kbir, peress illi hija kienet iz-zghira fil-familja taghha u ghalhekk kienet *sheltered* hafna, filwaqt illi l-intimat kien diga beda l-karriera tieghu fil-Korp. Hija tghid illi ghaliha l-intimat kien qisu missier, u minn ghandu kienu tiehu s-sens ta' protezzjoni li wiehed jiehu minghand missier, iktar milli dawk l-esperjenzi u l-emozzjonijiet illi wiehed jassocja ma' relazzjoni romantika. Tghid illi filfatt fil-grupp ta' hbieb taghhom hi kienet maghrufa bhala l-"*puppy"* tal-intimat.

Mix-xhieda jirrizulta illi wara xi zmien illi kienet intemmet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, ir-rikorrenti kienet bdiet relazzjoni ma' terza persuna, u minn din ir-relazzjoni hija kienet inqabdet tqila, waqt li kienet ghada fl-ahhar sena ta' kors universitarju li kienet qed isegwi. Mix-xhieda jirrizulta wkoll li din ir-relazzjoni kienet intemmet ftit wara t-twelid tat-tarbija, f'Novembru 2014, u missier it-tarbija kien eventwalment intavola proceduri kontra r-rikorrenti, permezz ta' liema, huwa ried jiehu l-kura u kustodja tat-tarbija, u fejn kien qieghed jallega illi r-rikorrenti ma kienetx kapaci trabbi t-tarbija peress illi kienet studenta u *single mother*. Ir-rikorrenti tixhed illi f'dan iz-zmien turbulenti hija kienet regghat ghamlet kuntatt mal-intimat, peress illi sabu ruhhom fl-istess kors ta' Masters flimkien, u hija kienet fethet qalbha mieghu dwar dak li kien qed jigri f'hajjitha. Spjegat illi l-partijiet kienu ddeciedew ghalhekk illi jizzewgu minnufih, sabiex meta tidher il-Qorti hija jkollha l-immagini ta' mara mizzewwga, u mhux ta' studenta *single mother*. Jinsab konfermat anke mix-xhieda tal-genituri tar-rikorrenti illi l-partijiet kienu zzewgu ta' malajr u bil-mohbi, u wara z-zwieg kienu marru lura joqghodu mal-genituri rispettivi taghha. Ir-rikorrenti

[1] Rikors Guramentat nru.: 219/16.

tispjega illi ghalkemm il-partijiet kienu u ghadhom hbieb, hija qatt ma kellha dawk l-emozzjonijiet assocjati ma' relazzjoni romantika fir-rigward tal-intimat u hija zzewgitu biss ghaliex dak iz-zmien kien minghaliha illi dik kienet l-ahjar soluzzjoni sabiex tassigura l-kura u kustodja ta' bintha.

Il-Qorti rat illi mill-provi prodotti jidher illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien wiehed ta' konvenjenza. Jidher illi l-intiza ta' bejn il-partijiet kienet illi huma jidhlu f'dan iz-zwieg mhux sabiex verament ikunu mizzewgin, izda biss sabiex is-sembjanza taz-zwieg tkun ta' ghajnuna ghar-rikorrenti li kienet tinsab maqbuda f'battalja ghall-kustodja ta' bintha, biex hija tikkombatti allegazzjoni maghmula minn missier it-tarbija illi bhala *single mother* hija ma kienetx kapaci trabbi lil binthom.

Kif jghallem il-gurista **Francesco Bersini** fuq is-suggett taz-zwieg ta' konvenjenza:

> ***"Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc…"***[2]

Il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq dan is-suggett hija fis-sens illi zwieg ta' konvenzja jimporta s-simulazzjoni tal-kunsens peress illi l-partijiet, jew xi hadd minnhom, ikunu eskludew posittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk huwa zwieg null f'ghajnejn il-ligi.[3]

Wara li rat il-provi prodotti mir-rikorrenti, din il-Qorti tinsab moralment konvinta illi z-zwieg tal-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan peress illi mill-provi jidher car illi dan iz-zwieg kien ghaz-zewg partijiet sempliciment wiehed ta'

---

[2] F. Bersini, *Il Diritto Canonico Matrimoniale* (Torino, 1994) 113 – 114.

[3] Vide per ezempju: **Carmen el Shimi vs gia` Tanti vs Ibrahim D El Shimi**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 20 ta' Gunju 2002; **MaryRose Abder Tahim vs Esam Abder Rahim,** Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 31 ta' Mejju 2000; **Lydia Musu` vs Dr. Ian Spiteri Bailey et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 1 t'Ottubru 2002; **Pauline Ahmed nee Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed,** Prim'Awla tal-Qorti Civili, deciza 10 ta' Marzu 2002; **L-Avukat A B noe vs E D,** Qorti tal-Familja (Sezzjoni Familja) 31 ta' Jannar 2018.

konvenjenza, li dahlu fih biss ghaliex ir-rikorrenti kienet hasbet illi kien l-ahjar mezz kif izomm il-kustodja tat-tarbija li hija kellha minn relazzjoni ma' terza persuna. Minn dan isegwi, skont il-gurisprudenza hawn fuq citata, illi l-kunsens tal-partijiet kien simulat u ghaldaqstant iz-zwieg taghhom huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-imsemmi Att. Illi galadarba tirrizulta n-nullita taht l-Artikolu 19 (1) (f), il-Qorti tqis illi m'hemmx htiega illi tistabilixxi jekk iz-zwieg huwiex null ukoll ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d).

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti, u tiddikjara illi z-zwieg tal-partijiet iccelebrat fl-14 t'Awissu 2015 huwa null u invalidu ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**